**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Christina Vella

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 102/22/MS

3 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Lulju 2022 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' tlett mija u erbghin euro (€340.00), depozitu li hija hallset ghall-ordni ta' blinds, liema blinds qatt ma gew konsenjati jew installati min-naha tas-socjeta' intimata.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma ghamlitx risposta u hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda tar-rikorrent bil-guramenti.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-17 ta' Lulju 2020 ir-rikorrenti ghamlet ordni ghal Zebra Blinds mis-socjeta' intimata u hallset depozitu ta' tlett mija u erbghin euro permezz ta' cheque. Ghaddiet sena shiha u dawn baqghu ma gewx konsenjati u r-rikorrent ma semghet xejn iktar. Wara diversi tentattivi ta' kuntatt, fl-1 ta' Lulju 2021, Mauro Portelli mis-socjeta' intimata bghattilha email fejn skuza ruhu u weghda li ha jikkonferma d-data tal-installazjoni, u fis-7 ta' Lulju 2021 rega' qallha li l-installazjoni kienet ser issir, pero' rega' talabha il-kejl ta' zewg blinds minnhom. Diversi emails gew skambjati f'dan il-perjodu, fejn jidher car illi Portelli kien dejjem iggib xi skuza jew ohra. Pero', sa' Settembru 2021 dawn il-blinds kienu ghadhom ma gewx konsenjati u r-rikorrenti fl-ahhar iddecidiet illi tirrikorri ghal dawn il-proceduri.

Illi s-socjeta' intimata ma ghamlitx risposta u hadd ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu, u ghalhekk fin-nuqqas, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod

tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti, li fic-cirkostanzi huwa verosimili u anke korroborat minn emails li gew skambjati, fejn Mauro Portelli kien anke ammetta mar-rikorrenti li l-ordni taghha kienet intilfet.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax dwar l-attegjament bla rispett u xejn professjonali tas-socjeta' intimata kemm fil-konfront tar-rikorrenti u anke fil-konfront ta' dan it-Tribunal, li jkompli jsahhah il-versjoni tar-rikorrenti.

Wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-ligijiet ta' Malta u qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ppruvat l-istanza tagghha sal-grad li trid il-ligi u ghalhekk it-talba taghha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilha s-somma ta' tlett mija u erbghin euro (€340.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru